**KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA**
**TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI**
**ĦAL LIJA**
**TEL NO : 21416101 FAX : 21416941**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Lija

## IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 04

Data tal-laqgħa: Il-Ħamis 22 ta' Awwissu 2019

Il-Kunsilli Lokali Ħal Lija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Robert Mifsud Bonniċi, fil-5.00 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:
Anthony Dalli – Sindku
Daniel Mallia– Viċi Sindku
Calcedonio Cini – Kunsillier
Lorraine Farrugia – *Minority Leader*
Joseph Zahra – Kunsillier

### ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):
Ma kien hemm ebda membru assenti b'apoloġija.

### ASSENTI:
Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:
Pamela Borg – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Anthony Dalli, ippreseda il-laqgħa.

## 4.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

4.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

## 4.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 03

4.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti tat-tielet laqgħa. Kopja tal-minuti ngħataw lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

4.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezjoni tal-minuti.

4.2.3 Fuq proposta tal-Kunsillier Calcedonio Cini li kien issekondat mill-Kunsillier Joseph Zahra, il-minuti ġew approvati unanimament.

## 4.3 Punti li joħorġu mill-minuti

4.3.1.1 3.9.15.1 Email mingħand Angel's Touch hairdresser
Is-Sinjorina Lorraine Farrugia tkelmet fuq il-Ubar li talbet il-*hairdresser* ta' Triq Annibale Preca għas-sigurta. Hija qalet li jekk issir U-bar bħal tal-mużew m'hemmx fejn jitnaqqas parkeġġ.

4.3.1.2 Is- Sindku qal li huwa mar fuq il-post u s-sid ma kienetx hemmhekk u għalhekk għandu jmur darboħra meta hija tkun hemm ħalli jara eżatt x'inhi t-talba tagħha. Huwa qal li parkeġġ mhux ser jitnaqqas biex issir din il-u-bar, li nistgħu forsi nwessaw ftit il-bankina ħalli l-u-bar titweħħel fuq il-bankina. Iżda fl-istess ħin il-kunsill irid jara li nies li jkunu għaddejjin bi *push chairs* jew *wheelchairs*, jifdalhom aċċess minn fejn jgħaddu wkoll.

4.3.2.1 3.9.11.1 Talba imressqa mill-*Minority Leader* Lorraine Farrugia rigward parkeġġ fejn il-kappella ta' San Pietru
Is-Sinjorina Lorraine Farrugia staqsiet jekk kienx hemm risposta fuq il-kaxxa safra tas-sorijiet tal-kunvent ta' San Pietru.

4.3.2.2 Is-Sindku spjega li, s-Segretarju Eżekuttiv kitbet lil TM fuq dan u TM taw risposta li ma hemmx permessi relatati ma' din il-kaxxa safra. Issa huwa bħala Sindku ser imur ikellem lil Madre biex jara jekk għandhix problema b'xi sorijiet li jagħmlu użu mill-*wheelchairs* u nimxu minn hemm. Jekk għandha xi problema napplikawlha ma' TM kif xieraq.

4.3.2.3 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia qalet li hemm ħafna nies qed igergru fuq din il-kaxxa safra għaliex dak parkeġġ mitluf. Hija qed tissuġġerrixi li biex jekk filkas il-kaxxa safra tiċkien u tibqa biss parti żgħira minnha quddiem l-għatba tal-bieb tal-kunvent b'talli mod li joħroġ *wheelchair* komdu u l-kumplament issir kaxxa bajda. Is-Sindku qal li l-ewwel naraw xi bżonn għandhom is-sorijiet, ħa jmur jkellimhom umbgħad il-Kunsill jimxi minn hemm.

## 4.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

4.4.1.1 Is- Sindku beda billi qal li rċieva petizzjoni mingħand ir-residenti li joqgħodu fl-akwata Ta' Senna li titratta fuq kontroll ta' veloċita tal-vetturi fid-dħul u l-ħruġ tat-toroq f'dik l-akwata (Triq Ġannikol Buhagair, Triq Antonio Azzopardi, Triq Nazju Cortis u Triq Agostino Portelli). Huwa ta' l-idea li din il-petizzjoni tiġi mtella waqt il-laqgħa li l-kunsill ser jagħmel mar-residenti ta' Ta Senna, fejn il-kunsill jara eżattament x'għajnuna għandhom bżonn dawn ir-residenti. Is-Sindku qal li r-residenti anke qed jagħmlu survey huma stess fuq il-veloċita tal-karozzi.

4.4.1.2 Il-Kunsillier, is-Sur Joseph Zahra, ikkonferma dan u qal li huwa vera. Lis-Sur Zahra wkoll avviċinawh ir-residenti fejn qalulu li hemm min qed isuq l-vetturi bi veloċita qawwija fl-akwata ta' Ta Senna.

4.4.1.3 Is-Sindku qal li mportanti niltaqgħu mar-residenti ta' Ta Senna u l-kunsill qabel unanimament li għandha ssir il-laqgħa ma' dawn ir-residenti fid- 9 ta' Settembru fi sitta u nofs, fis-sala tal-iskola Primarja.

4.4.1.4 Is-Segretarju Eżekuttiv għandha tieħu ħsieb li jintbgħatu l-flyers lir-residenti fid-djar rigward dan u anke tkellem lil *head* tal-iskola primarja biex ittina permess nużaw is-sala bħalha *venue* għal din il-laqgħa.

4.4.2 Is-Sindku ta proset lil membri tal-Kunsill kollu, lis-Segretarju Eżekuttiv u lis-staff; Dorianne u Audrey, kif ukoll lil ħaddiema tal-kunsill; Ronnie, George u Bjorn, tal-ħidma kbira waqt il-perjodu tal-festa. Is-Sindku faħħar lil kulħadd tal-ko-operazzjoni u għajnuna li tawh waqt li kien għaddej bil-preparamenti tal-festa. Huwa kuntent ħafna għaliex anke n-nies kollha ta' Ħal Lija rrekonixxew x-xogħol kollu li wettaq il-kunsill u huwa stqarr li dan ix-xogħol twettaq sew b'permezz tal-għaqda ta' kulħadd. Is-Segretarju Eżekuttiv ser twassal dan il-messaġġ lil impjegati u ħaddiema tal-kunsill.

4.4.3 Is-Sindku qal li l-*webcam* li twaħlet fil-pjazza fil-festa biex b'permezz tagħha tingħata xandira diretta tal-ħruġ u d-dħul tas-Salvatur kienet verament ta' suċċess.

4.4.4 Rigward Jum Ħal Lija s-Sindku qal li dan l-avveniment ukoll kien wieħed ta' suċċess u ntlaqgħa tajjeb min-nies ta' Ħal Lija. Hawnhekk s-Sindku qal li ssa l-kunsill irid jibda jaħseb b'mod differenti u jibda jiprepara biex isir Jum Ħal Lija sena oħra.

4.4.5 Is-Sindku qal li l-kuntrattur tal-iskart u t-tindif tat-toroq għandu jiġi apprezzat għax-xogħol li għamel u għall-operat tiegħu li wettaq biex jgħin lil kunsill fi żmien tal-festa. Is-Sur Dalli qal li tkun ħaġa sabiħa li kieku lil dan il-kuntrattur niktbulu u nibgħatulu ttra ta' ringrazzjament. Il-kunsill kollu qabel rigward dan u s-Segretarju Eżekuttiv ser tieħu ħsieb tiprepara din l-ittra.

4.4.6 Is-Sindku tkellem fuq il-qtugħ tal-ħaxix u qal li dan beda jsir sew lejn l-aħħar ta' Lulju u għadhu għaddej sal-lum. Il-kuntrattur qed jieħu ħsieb li jneħħi l-ħaxix kollu mir-raħal li jitla minn ġol-bankini u t-toroq. Is-Sindku qal li kienu hu, il-kunsillier is-Sur Cini u s-Segretarju Eżekuttiv li ħadmu flimkien u ġrew wara l-kuntrattur biex isir ħafna minn dan il-qtugħ tal-ħaxix. Hawnhekk is-Sindku ndirizza lis-Sur Cini fejn qallu li ssa bħala kunsillier hu huwa responsabbli biex jieħu ħsieb li l-ħaxix fir-raħal ma jerġax jikber u kif jara li jkun hemm bżonn ta' xi qtugħ jinforma mill-ewwel lis-Segretarju Eżekuttiv, ħalli jerġa jintbgħat il-kuntrattur mill-ewwel.

4.4.7 Is-Sindku tkellem fuq iż-żjara li għamel ġewwa Militello, fejn qal li kellu żjara tant pjaċevoli u mpressjonanti. Is-Sur Dalli qal li ġie milqugħ mingħand kulħadd, iltaqgħa mas-Sindku ta' Militello u anke flimkien tkelmu fuq xewqa li jsir ġemellaġ. Is-Sindku qal li l-aktar ħaġa li baqa impressjonat biha kienu l-qatat kbar tal- lariġ li għandhom fir-raħal u fl-inħawi u villaġġi qrib. Is-Sindku qal li ssa għandu jibgħat ittra ta' ringrazzjament lil kappillan ta' Militello ta l-istedina u talli laqawh vera tajjeb.

4.4.8 Is-Sindku ta *update* fuq il-ħarġa kulturali *Gozo by night* fejn qal li nkitbu 70 ruħ għal din l-attivita. Huwa jixtieq li dan l-ammont jitella aktar, possibilment għal mija, dan biex il-*coaches* jimtlew kollha.

4.4.9.1 Is-Sur Dalli kompla billi għamel stqarrija iebsa rigwad il-fondi tan-*Norwegian funds*, fejn qal li mhu veru xejn li l-kunsill ta' Ħal Lija ħa somma ta' mitt elf. Is-Sindku ġab din il-klarifika mingħand id-Direttur li huwa nkarigat fuq in-*norwegian funds* u anke talbu biex jibgħat imejl lis-Segretarju Eżekuttiv tal-kunsill b'din il-klarifika.

4.4.9.2 Is-Sindku spjega li dan kienu ħargu 1.2 miljuni ta' fondi, biex jgħinu l-aktar lil dawk il-lokalitajiet/żoni li huma l-aktar soċjalment batuti. Ħal Lija mhux xi lokalita li hija kkunsidrata fuq level soċjali batut. Meta kienet saret evalwazzjoni taż-żoni, Ħal Lija ġiet iklassifikata lejn l-aħħar. Is-Sur Dalli żied jgħid li ser jintażgħlu biss 12 il-kunsill li ser ikunu fiċ-ċans li jibbenifikaw minn dawn il-fondi u l-kunsilli kollha għadhom biss biss iridu japplikaw. M'hemm xejn bil-miktub li l-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija għandu jieħu mitt elf u kif eżattament nirċievu dan bil-miktub mingħand id-direttur, is-Sindku ser jagħmel stqarrija mar-residenti biex iżommhom aġġornati.

## 4.5 Korrispondenza

4.5.1 Il-*Minority Leader* Lorraine Farrugia għamlet mistoqsija fuq korrispondenza nru 1544/19, bit-titlu *'one way'*. Is- Segretarju Eżekuttiv qaltila li dik kienet imejl mingħand residenta fejn qed tagħmel talba biex jikbru t-tabelli tal-*one way* fi Triq Sant Andrija. Hija nfurmatha ukoll li din it-talba ser tiġi diskussa aktar tard mal-kumplament tat-talbiet/ilmenti.

4.5.2 Il-*Minority Leader* għamlet ukoll referenza għal korrispondenza nru 1547/19 *rat infestation*. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dik titrattra fuq imejl li jkun bgħat il-kunsill lil *health department* meta jidħol rapport ta' infestazzjoni ta' ġrieden fi triq partikulari. Il-*minority leader* Lorraine Farrugia qalet li hija tixtieq li jintbgħat rapport lil *health department* rigward infestazzjoni tal-ġrieden fi Triq Preziosi, Triq Salvu Mifsud, Triq il-

Maħlut, Triq Karlu Darmanin u fiż-żona ta' Ta' Senna. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li ser tieħu ħsieb li dawn ir-rapporti jsiru.

4.5.3 Is-Sur Cini staqsa meta *Infrastrucutre Malta* ser ikomplu r-*resurfacing* ta' Triq is-Salvatur u Triq Karlu Darmanin. Kemm is-sindku u kif ukoll is-segretarju eżekuttiv qalu li dawn ix-xogħlijiet ta' *resurfacing* kienu waqfu minħabba l-festa tas-salvatur u kif ukoll ħabba s-*shut down* ta' wara l-festa ta' Santa Marija. Issa li dawn iż-żewġ festi għaddew ix-xogħol għandu jitkompla dalwaqt fil-jiem li ġejjien.

4.5.4. Il-Viċi Sindku, is-Sur Daniel Mallia staqsa rigward il-problema tal-ħamiem u kif baqa l-kunsill ma' l-Assoċjazzjoni rigward dan. Kemm is-sindku u kif ukoll is-segretarju eżekuttiv infurmawh li l-kunsill bgħat lista ta' diversi żoni problematiċi li hemm fir-raħal bil-ħmieġ tal-ħamiem lil l-Assoċjazzjoni. Din il-lista intbgħatet bi *siteplans* u kif ukoll bir-ritratti taż-żoni kkonċernati. Il-kunsill issa jrid jistenna d-direzzjoni tal-Assoċjazzjoni rigward soluzzjoni għal din il-problema.

4.5.5 Il-*minority leader* Lorraine Farrugia reġgħat ilmentat fuq l-arblu mawweġ tal-Go li hemm Ħalmann u staqsiet jekk kienx hemm xi risposta ġdida fuq dan l-ilment. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kważi kuljum tibgħat *reminders* lil Go biex forsi xi darba dan l-arblu jitranġa u hija nfatti bgħatet *reminder* ukoll lil Go dakinhar stess. Iżda risposta xierqa l-kunsill għadhu qatt ma rċieva u sal-lum dan l-arblu għadhu mawweġ. Il-kunsill ser jibqa jiġri wara Go u s-sindku qal li jekk is-segretarju eżekuttiv tibqa ma tirċiviex risposta pożittiva ser jieħu azzjoni huwa mod ieħor.

4.5.6 Is-sinjorina Lorraine Farrugia staqsiet ukoll jekk kienx hemm *update* fuq il-*bus shelters*. Is-segretarju Eżekuttiv infurmata li l-kunsill ma rċieva xejn ġdid fuq il-*bus shelters* u s-sindku qal li minkejja li l-kunsil ma rċieva xejn din il-kwistjoni tal-*bus shelters* qiegħda f'idejn l-Assoċjazzjoni u qed jieħdu ħsieb huma.

4.5.7 Il-*minority leader* Lorraine Farrugia għamlet referenza għal korrispondenza nru 1609/19 rigward *damaged grill* fi Triq il-Mosta. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dik kienet imejl b'rapport mingħand persuna partikulari biex jinfurmana li hemm tappiera perikoluża fi Triq il-Mosta biex titranġa qabel ma jkun hemm karozzi li jifqaw it-*tyres*. Il-kunsill kien infurmah biex jgħaddi dan l-ilment lil Transport Malta għax Triq il-Mosta hija triq arterjali u taqa taħt ir-responsabbilta tagħhom.

4.5.8 Il-*minority leader* xtaqet tkun taf korrispondeza nru 1680/19 bl-isem '*complaint* 2145/2019', fuq xiex titratta. Is-segretarju Eżekuttiv għandha tiċċekja eżattament u tikkuntatja lis-sinjorina Farrugia b'risposta.

4.5.9 Il-*minority leader* xtaqet tkun taf ukoll fuq xiex titratta korrispondenza nru 1682/19 fuq konferenza stampa: *contracts manager*. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmatha li d-dipartiment bgħat stedina b'permezz ta' imejl lis-sindki u segretarju eżekuttivi biex jattendu għal konferenza stampa li titratta fuq l-importanza li kull lokalita jkollha *contracts manager.* Is-Segretarju Eżekuttiv kompliet tgħid li hemm xi ħjiel li fil-futur id-dipartiment ser joħroġ ċirkulari fejn jgħid li hija xi ħaġa mandatorja li kull kunsill ikollu *contracts manager*.

## 4.6 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill u lmenti

4.6.1 <u>Skema - *Summer work Opportunities* 2019</u>

Hawnhekk is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil Kunsill kollu b'aħbar tajba rigward in-nuqqas ta' inventarju fl-uffiċju. Hija qalet li mill-aħħar laqgħa li għaddiet, 22 ta' Awwissu, sal-lum, ġiet ingaġġata studenta b'permezz ta' din l-iskema u f'inqas minn jumejn din l-istudenta kienet diġa fformulat dan l-inventarju. L-Istudenta inzertat waħda vera brava, kwieta u ħabrieka u jekk tibqa mixja kif inhi mixja , bil-gwida tal-accountant, il-Kunsill jista jserraħ rasu fuq il-biċċa xogħol tal-inventarju, għaliex daqt ikun lest kif suppost.

4.6.2.1 <u>Latrini: Biex isir *meter* tal-ilma fil-latrini tal-ġnien u tingħalaq kamra li m'għandix użu fil-latrini tal-pjazza</u>

Is-Sindku qal li bħalissa l-kunsill qed jagħmel riċerka fuq il-ġnien rigward kif inhu devolut dan għaliex ma instab l-ebda kuntratt fuqu mal-lands. Infatti huwa qal li s-Segretarju eżekuttiv diġa kitbet lil *Lands Department* rigward dan biex jgħaddulna l-informazzjoni meħtieġa. Is-Sindku qal li huwa diġa anke ltaqgħa mal-*head* tat-*tennis club* u tat-*tennis* għandhom kuntratt għalihom. Fil-jiem li ġejjien ser jiltaqgħa anke ma' tal-boċċi ħa jara x'tip ta kuntratti għandhom huma wkoll.

4.6.2.2 Fil-Ġnien Ċentru Rikreattiv, il-Kunsill huwa l-unika wieħed li m'għandux meter tal-ilma biex isir użu minnu għal latrini. Is-sistema tal-ilma li hemm bħalissa biex ikun hemm l-ilma fil-latrini hija waħda ferm antika; fejn jimtela tank bl-ilma li jitella b'permezz ta' pompa mill-ġibja. Dan l-aħħar din is-sistema kienet qed ttina il-problemi u għalhekk trid tinbidel għall-aħjar. Il-Kunsill qabel li għandha ssir riċerka fuq il-ġnien u l-istruttura tiegħu u biex jekk filkas issir applikazzjoni għall-meter tal-ilma għaliex din is-sitwazzjoni ma tistax tibqa li hi.

4.6.2.3 Rigward l-istruttura tal-ġnien is-sindku żied jgħid li hu flimkin mas-segretarju Eżekuttiv ser jibqgħu jiġru wara l-ġardinar biex jieħu ħsieb tat-tisqija u żbir ta' pjanti biex b'hekk il-ġnien ċentru rikreattiv jerġa jieħu l-ħajja. Is-Sur Dalli qal li l-ġardinar ser ikun anke qed jieħu ħsieb t-tisqija u l-pjanti fil-ġnien tal-Mirakli.

4.6.2.4 Il-Kunsillier, is-Sur Cini qal li avviċinah resident fejn kelmu fuq il-ġnien Tal-Mirakli u staqsieh jekk tistax tiċċaqlaq is-siġra żgħira li hemm taż-żebbbuġ. Dan għaliex kif din is-siġra tikber fil-post fejn qiegħda ser tkun fin-nofs, ta' ostaklu. Il-Kunsill ser jagħmel kunatt mal-ġardinar biex jara jekk dan mhux possibbli li jsir.

4.6.2.5 Fuq l-istess ġnien tal-Mirakli, is-Sinjorina Loraine Farrugia staqsiet jekk kienx hemm risposta mingħand dak is-sinjur li kien ser jagħmel proġett żgħr bi *pond*. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dan għadhu ma weġibx għall-imejl u s-sindku qalilha li ssa nerġgħu nagħmlu *follow up* rigward dan jew nibgħatu *reminder* lis-sinjur.

4.6.2.6 Rigward il-kamra li talab il-kuntrattur tal-latrini biex tingħalaq, il-kunsill alissa ma approva li jsir xejn u s-sindku għandu jiċċekjaw rigward dan qabel ma tittieħed deċiżjoni.

4.6.3.1 <u>Data tal- Laqgħa tal-Lokalita</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv fakret lil kunsill kollu biex jiddeċiedu fuq data ta' meta għandha ssir il-laqgħa tal-lokalita. Il-Kunsill unanimament qabel li l-laqgħa tal-lokalita għandha tinżamm nhar il-Ħamis 26 ta' Settembru, 2019 fis-7:00pm fi Sala Villa Lia tal-kappillan.

4.6.3.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ser tieħu ħsieb li jiġi ppreparat avviż bid-dettalji kollha rigward il-laqgħa tal-lokalita biex umbagħad jidher fuq il-gazzetta tal-gvern u Facebook, jintbgħat fir-residenzi kollha u anke jitpoġġa fuq in-*notice boards* u jitwaħħal fil-ħwienet/każini.

4.6.4.1 <u>Nominazzjoni Deputat Segretarju Eżekuttiv</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil Kunsill b-imejl li waslet fl-uffiċju mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Din l-imejl tgħid li kull kunsill sa l-aħħar ta' Awwisu jrid jinnomina skrivan/impjegat fi skala ħdax jew għaxra bħala deputat segretarju eżekuttiv, biex jaġixxi fl-assenza tas-Segretarju Eżekuttiv fejn ikun hemm bżonn.

4.6.4.2 Għalhekk is-Segretarju Eżekuttiv kompliet tgħid li f'dan il-każ hija, flimkien mas-Sindku avviċinaw lil l-iskrivana li qiegħda fi skala ħdax tal-Kunsill ta' Ħal Lija, fejn qalulha li hija qed tiġi nnominata biex taġixxi bħala deputat segretarju eżekuttiv f'każ li jkun hemm bżonn. Pero sfortunatament din l-iskrivana b'permezz ta' ittra nfurmat lil kunsill li mhux ser taċċetta din in-nomina u dan minħabba raġunijiet personali. Is-Segretarju Eżekuttiv qrat din l-ittra lil Kunsill kollu.

4.6.4.3 Wara dan is-Segretarju Eżekuttiv indirizzat il-kunsill fejn staqsiet lil min jixtiequ jinnominaw minn kunsill ieħor biex jkun deputaut segretarju eżekuttiv. Huwa hawnhekk fejn is-Sindku rrekomanda lis-Segretarju Eżekuttiv tal-Iklin, Is-Sur Etienne Montfort.

4.6.4.4 Is-Sindku qal li fil-passat s-Sur Montfort diġa kien deputat segretarju eżekuttiv tal-Kunsill ta' Ħal Lija iżda minħabba ċertu ċirkostanzi dan kien irreżenja mill-pożizjoni. Għalhekk jixraqlu li l-pożizjoni ta' deputat segretarju eżekuttiv terġa tkun tiegħu.

4.6.4.5 Il-Kunsill kollu unanimament qabel rigward din in-nominazzjoni. Is-Segretarju Eżekuttiv għandha tinforma lis-Sur Montfort b'dan u jekk jaċċetta minnufih tinforma lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

4.6.5.1 <u>*European Week of Regions and Cities* 2019 fi Brussel</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda imejl mingħand id-dipartiment rigward parteċipazzjoni fuq European Week of Regions and Cities 2019 ġewwa Brussel li ser issir mis-7 sal-10 ta' Ottubru, 2019. Is-Segretarju Eżekuttiv kompliet tgħid li *Europe for Citizen* f'Malta ser tkun qed tkopri l-ispejjes tas-*subsistence allowance* meħtieġa għal kull rappreżentant iżda il-*flights* iridu jiġu mħalsa mill-kunsill Lokali.

4.6.5.2 Il-Kunsill unanimament approva li jitħalsu l-flights ta' din il-parteċipazzjoni tal-kunsillier li juri interess biex jattendi. Għal din il-parteċipazzjoni urew interess il-Viċi Sindku Daniel Mallia, il-*Minority Leader* Lorraine Farrugia u l-kunsillier Joseph Zahra.

4.6.5.3 Is-Segretarju Eżekuttiv għandha tinforma lis-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun b'dawn it-tlett ismijiet u f'każ li jintagħżel il-Kunsill ta' Ħal Lija biex jipparteċipa f'din il-*European week*, ir-Reġjun għandu jtella isem wieħed tal-kunsilliera mit-tlieta li huma nteressati, bil-polza.

4.6.6.1 <u>Kwotazzjoni siġġijiet addattati għal-uffiċju</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv esprimiet l-importanza li jinxtraw siġġijiet addattati għall-istaff u għalhekk poġġiet fuq

il-mejda kwotazzjoni ta' xi siġġijiet mingħand l-Atrium. Hija spjegat li kienet qed iddur xi ħwienet għas-siġġijiet u l-aktar siġġijiet li sabet komdi kienu tal-Atrium.

4.6.6.2 Il-Kunsill unanimament approva li jinxtraw siġġijiet adekwati għall-kumdita tal-istaff.

4.6.7.1 Kwotazzjonijiet għas-servizz ta' *cash deposit van*

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil kunsill li sissa kwotazzjoni waħda biss irċevejna għas-servizz ta' *cash deposit van,* mingħand Security Services.

4.6.7.2 Is-Segretarju Eżekuttiv żiedet tgħid li għadna qed nistennew aktar kwotazzjonijiet mingħand xi kumpaniji oħra u talbet lil kunsill għall-approvazzjoni biex meta tirċievi dawn il-kwotazzjonjiet tmexxi bl-irħas waħda. Il-Kunsill unanimament approva li jsir dan.

4.6.8.1 Talba għal-*one way signs* akbar fi Triq Sant Andrija

Residenta qed tagħmel talba biex il-*one way signs* li hemm fi Triq Sant'Andrija ssiru akbar għaliex il-karozzi qiegħdin jgħaddu *one way*. Fil-fatt din ir-residenta qaltilna li t-tifla tagħha waqfet lil xi ħadd fil-11:30pm bil-lejl biex tgħidlu li *one way* u kważi laqgħata bil-karozza.

4.6.8.2 Il-Kunsill approva li jinbidlu dawn iż-żewġ tabelli u biex isir kuntatt mal-kuntrattur u jitwaħlu tnejn daqsxejn akbar. Ir-residenta għandha tiġi nfurmatha b'dan ukoll.

4.6.9.1 Talba biex titranġa bankina fi Triq Annibale Preca

Tressqet talba mingħand resident li joqgħod fi Triq Annibale Preca biex tiġi rranġata l-bankina u r-rampa ta' quddiem id-dar tiegħu. Dan qiegħed jitolbu għaliex hu għandu tifel b'diżabilita' u jsib diffikultajiet biex idaħħlu u joħorġu fid-dar.

4.6.9.2 Il-Kunsill unanimament approva li ssir din it-talba u għandha tiżdied mal-lista tax-xogħlijiet tal-kunsill. Din il-bankina għandu jirranġaha l-kunsill b'konsultazzjoni mal-perit.

4.6.10.1 Talba għall-mera fi Triq tal-Mirakli

Resident li joqgħod Triq Tal-Mirakli jixtieq li ssir mera faċċata tal-garage tiegħu biex ikun jista joħroġ mill garage mingħajr ma tidħol xi karrozza fuqu li tkun ġejja min triq Ħal Bordi , jew triq Annibale Preca.

4.6.10.2 Il-Kunsill uanimament approva li ssir din it-talba, għandna napplikaw ma' TM u ninfurmaw lir-resident b'dan.

4.6.11.1 Ilment fuq *pots* fi Triq il-Knisja

Xi ħadd avviċina l-kunsill fejn ilmenta fuq il-*pots* li hemm barra fi Triq il-Knisja għax qed iħamġu fihom il-qtates. Dan qed iwassal għal irwejjaħ u ħmieġ. Din il-persuna qed titlob biex issir xi ħaġa u dawn il-*pots* fi Triq il-Knisja jitneħħew, kif ukoll il-ħwat li hemm fil-viċin li saru mill-Kunsill Lokali stess.

4.6.11.2 Fuq dan is-sindku qal li għandu jsir pjan sewwa u jaf bi *planner* li jifhem u jista jgħin lil kunsill bl-istruttura ta' dawn il-*pots* u li żgur jista jtina parir ta' xi ħaġa li nistgħu nagħmlu għall-aħjar. Is-sinjorina Lorraine Farrugia qalet li hawn *planters* moderni li jixgħelu awtomatikament u dawn jagħmlu ambjent sabiħ ħafna. Infatti is-sinjorina Farrugia għandha tagħti l-għajnuna tagħha u jekk ikollha aktar informazzjoni rigward dawn it-tip ta' *pots*, ser tinfurma lis-Segretarju Eżekuttiv.

4.6.11.3 Is-Sindku semma wkoll li fi Triq il-Knisja, fuq il-pavimentar hemm ċirku vojt. Ikun sabiħ li kieku f'dan iċ-ċirku tiġi stampata l-arma tal-Kunsill Lokali kif kien oriġinarjament maħsub. Il-Kunsill qabel rigward dan.

4.6.12.1 Talba għal tabelli li juru li hemm il-*hedgehogs* fi Sqaq ta' Sejduna

Residenta qed titlob li jsiru tabelli fi Sqaq Sejduna biex kull min jgħaddi joqgħod attent li ma jafġux xi *hedgehogs.* Hija qalet li diġa kien qed ikun hemm ħafna *hedgehogs* mejta.

4.6.12.2 Il-Kunsill qabel li jsiru dawn it-tabelli. Ir-residenta għandha tiġi kkuntatjatha biex tgħidilna fejn tixtieq li jitweħlu u kemm taħseb li hemm bżonn. Kif il-kunsill jkollu din l-informazjoni għandu japplika ma' Transport Malta u kif dawn it-tabelli jkunu approvati jiġu ordnati mingħand il-kuntrattur.

4.6.13.1 Mistoqsija rigward sqaq fi Triq Annibale Preca

Resident jixtieq iressaq ilment lill-Kunsill fuq parti minn sqaq fi Triq Annibale Preca fejn Villa Alfano, fejn qed isaqsi jekk mhux privat jew le. Dan għar-raġuni li hu kien jipparkja hemmhekk imma avviċinawh il-pulizija u qalulu li ma jistax jibqa jipparkja hemm għaliex il-persuna li ġie joqgħod hemm xtara l-parti ta' l-isqaq u għalhekk ma jistax jagħlaq l-aċċess.

4.6.13.2 Is-Sindku qal li sqaq, jinfed jew ma jinfidx, qatt m'għandhu jiġi mblukkat. Ir-Resident għandu jiġi nfurmat biex huwa personalment, jistaqsi lil *lands department* jekk l-isqaq mhux privat jew le u jekk filkas jerġa jkellem lil kunsill kif jġib din l-informazjoni.

4.6.14.1 *Double yellow lines* – Triq Sir Ugo Mifsud

Is-Sinjorina Lorraine Farrugia tat spjegazzjoni kif darba minnhom, waqt li qed issuq, hija u ġejja minn fejn ir-*roundabout* ta' gallarija darmanin għad-direzzjoni lejn il-Mosta, marret biex tidħol għal Ħal Lija minn ġo Triq Sir Ugo Mifsud minn fejn il-Housing Estate. Eżatt kif kisret għal ġo triq Sir Ugo Mifsud sabet karozza pparkjatha fil-kantuniera li għal ftit ma daħlitx ġo fiha. Hija qed titlob biex isiru id-*double yellow lines* immedjatament għax hemm fejn isiru fil-wiesgħa qabel ma ssir xi traġedja.

4.6.14.2 Il-Kunsill unanimament approva li jsiru dawn id-double yellow lines u m'hemmx għalfejn napplikaw għalihom ma' Transport Malta.

4.6.15.1 *Community Based Tour – Update*

Is-Sinjorina Lorraine Farrugia spjegat kif xi sentejn ilu kienet bdiet inizjattiva fejn *tour operator* idawwar lit-turisti fi rħula żgħar bħal Ħal Lija. Hija qalet li Ħal lija kien l-ewwel villaġġ li ġie avviċinat biex jipparteċipa f'dawn il-*community tours*. Hija qalet kif it-*tour operators* kienu diġa għażlu l-postijiet ta' interess li fihom xtaqu jieħdu it-turisti u xtaqu li l-kunsill jgħin rigward informazzjoni fuq dawn il-postijiet u anke biex jagħtihom ċertu dettalji bħal kuntatti jew imejls ta' eżempju *bar owners. It-Tour operators* xtaqu ukoll li rapreżentant tal-kunsill idawwarhom dawra mar-raħal ħalli jkunu familjari mal-postijiet li huma jixtiequ jżuru.

4.6.15.2 Is-Sinjorina Farrugia żiedet tgħid li t-*tour operators* qed jitolbu biex forsi aktar il-quddiem, fil-futur il-kunsill jinvolvi ruħu aktar billi forsi jiftaħ it-Torri għat-turisti u biex dawn ikunu jistgħu jidħlu fih. Hija spjegatilhom li t-Torri bħalissa huwa kkundannat u ħadd ma jista jitla fuqu u kif suppost fil-jiem li ġejjien għandu anke jiġi rrestawrat mill-MTA. L-importanti għat-*tour operators* huwa li jkun hemm xi ħadd li jkun jista jirrakkonta l-istorja tat- Torri lit-turisti u nfatti din ser jieħu ħsieba s-Sur Salvu Sammut.

4.6.15.3 Hawnhekk is-sindku qal li ilu ġranet jiprova jaqbad lil MTA biex forsi jħaffu l-proċess u jibdew bir-restawr tat-Torri.

4.6.15.4 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia qalet li l-postijiet ta' interess huma; Villa Francia, is-Salvatur il-Qadim, it-Torri Belvedere, Bonaċi Confectionary għaliex qed jibnu xi forn tal-ġebel apposta tal-ħelu u għand Sunny biex jarawh jagħmel il-*pottery*. Dawn anke ser ikunu qed iżuru xi drabi il-każin Sant Andrija u drabi oħra l-każin San Pio X għall-ikel u t-te.

4.6.15.5 Il-*Launching* ta' dan il-community tour ser jinżamm nhar it-Tnejn 26 ta' Awwissu, 2019 fis-6:00pm.

4.6.15.6 Il-Kunsillier is-Sur Joseph Zahra staqsa jekk qadtx issemma l-ġibjun li hemm taħt l-art bejn il-knisja u t-Torri. Is-sindku qal li fuq dak il-ġibja għandu pjan. Huwa spjega kif qabel id-dipartiment tal-kultura kienu jagħmlu show bl-ilma billi jitella l-ilma mill-ġibja biex jintlagħbu l-logħob tal-ilma u jkun hemm spettaklu ta' funtani. Is-sindku qal li sabiħ li kieku l-kunsill jerġa jibqa jagħmel xi ħaġa bħal din.

4.6.15.7 Il-Kunsillier is-Sur Joseph Zahra mistaġeb għaliex tgħidx kemm sema li huwa sabih il-ġibjun li hemm. Huwa qabel mas-sindku u qal li tkun xi ħaġa sabiħa jekk il-kunsill jibda jaħdem minn issa għal Jum Ħal Lija biex dan il-ġibjun jinfetaħ bħal ma fi rħula oħra jinfetħu x-xelters. Kieku dan il-ġibjun ikun ta' attrazjoni sabiħa u bih niġbdu ħafna nies lejn Ħal Lija. Il-Kunsilliera għandhom jaħdmu flimkien biex iġibu aktar informazjoni rigward dan il-ġibjun u kif jista jintuża u jinfetaħ għall-pubbliku.

4.6.16.1 Tneħħija ta' *Sleeping policemen* – Triq Robert Mifsud Bonniċi u Triq il-Kunċizzjoni

Is-sindku poġġa fuq il-mejda talba biex jitneħħew l-*isleeping policemen* li hemm fi Triq Robert Mifsud Bonniċi u fi Triq il-Kunċizzjoni. Huwa qal li l-*isleeping policeman* li hemm fi Triq Robert Mifsud Bonniċi qiegħda għalxejn u tista titneħħa għaliex biex jbattu l-ispeed il-karozzi diġa hemm *stop sign* ma' l-art u dik biżejjed.

4.6.16.2 Is-Sindku umbgħad qal li l-*isleeping policeman* ta' Triq il-Kunċizzjoni hemm bżonn titneħħa minnufih ukoll għax ir-residenti li jgħixu f'dik l-akwata qed jidħolhom l-ilma fid-dar kull darba li tagħmel ix-xita. L-ilma qed iżomm ma' l-isleeping policeman, jogħla u jidħol fid-djar.

4.6.16.3 Il-Kunsill kollu unanimament approva li jitneħħew iż-żewġ *sleeping policemen* mit-toroq imsemmija. Għandu jsir kuntatt mal-kuntrattur biex dawn jinqalgħu, pero ma jintremewx u jinżammu biex jitweħlu post ieħor fejn ikun hemm talba għall-*sleepling policeman ġdida.*

4.6.17 **Grazzi rigward it-tindif / il-qlugħ ta' ħaxix ħażin mir-raħal**

Is-Sindku qal li kien hemm sinjura li toqgħod fi Triq Ġuzeppi Portelli li ġiet il-Kunsill tirringrazjana tat-tindif li sar mill-ħmieġ u l-qlugħ tal-ħaxix mit-triq.

4.6.18 **Proset rigward it-tmexxija tal-kunsill waqt il-festa**

Is-Sindku qal li kien hemm anke proset mingħand Sinjur li joqgħod fi Vjal it-Trasfigurazzjoni rigward kif il-Kunsill b'mod effiċjenti ħa ħsieb tal-ippjanar tal-festa 2019.

## 4.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Rapporti

4.7.1.1 **Rapport ta' evalwazzjoni tat-tender għas-servizz ta' *Accountant* u *Accounting Technician***

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda rapport ta' evalwazzjoni tat-tender għas-servizz ta' *Accountant* u *Accounting Technician*. Hija spjegat kif din it-tender kienet inħarġet bi *lots* u għalhekk il-bord kien obligat biex kemm *lot 1 Accountant* u kif ukoll *lot 2 Accounting technician* jingħataw lil persuna li tefgħat l-irħas offerta. Dan anke jekk il-persuna li tieħu *Lot 1 Accountant* ma tkunx l-istess persuna li tieħu *Lot 2 Accounting Technicnan*.

4.7.1.2 Għal din is-sejħa kien hemm ħames offerti u l-bord ta' l-evalwazzjoni għażel l-irħas offerta miż-żewġ *lots*. Is-Segretarju Eżekuttiv staqsiet lil Kunsill jekk iridx jiproċedi biex japprova dan ir-rapport u l-kunsill unanimament approva li jsir dan u biex titkompla l-proċedura u jittella onlajn fuq is-sistema.

4.7.2.1 **Rapport ta' evalwazzjoni tat-tender għas-servizz ta' street lighting**

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda rapport ta' evalwazzjoni tat-tender għas-servizz ta' street lighting. Hija spjegat li fir-rapport hemm mniżżel li kien hemm offerta waħda biss għal dan is-servizz li kienet daqsxejn għolja mill-baġit tal-kunsill, bħala prezz globali. Iżda t-tlett evalwaturi profesjonisti li għamlu parti mill-bord spejgaw kif il-prezzijiet li kien hemm imniżlin fil-BOQ huma kkwotati b'mod raġonevoli u xorta baxxi meta tqis il-*market value*.

4.7.2.2 Is-Segretarju Eżekuttiv staqsiet lil Kunsill jekk iridx jiproċedi biex japprova dan ir-rapport u l-kunsill unanimament approva li jsir dan u biex titkompla l-proċedura u jittella onlajn fuq is-sistema.

## 4.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti w spejjes oħra

4.8.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' pagamenti nru. 9/19 li ma kienetx tinkludi l-ammont tal- Petty *Cash* peress li x-xahar ta' Awwissu għadu ma għaddiex.

4.8.2 L-iskeda ta' ħlasijiet kollha kienu proposti għall-approvazzjoni mill-Minority Leader Lorraine Farrugia li kienu ssekondati mill-Viċi Sindku Daniel Mallia. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet kollha.

## 4.9 Applikazzjonijiet tal-Awtorita tal-Ippjanar

4.9.1 Hawnhekk is-Segretarju Eżekuttiv qalet li t-*town planner* infurmat lil kunsill li fuq Ħal Lija għal din il-ġimgħa ma kienx hemm permessi ġodda tal-ippjanar u naturalment ma kienx hemm bżonn li jsiru xi reviews.

## 4.10 Xogħlijiet pendenti

4.10.1.1 Is-Sindku qal li l-kunsill irid jaħseb fuq post, *prime area*, fejn jeħlu tlett arbli bil-bnadar ta' Malta, tal-Kunsill u tal-Ewropa. Huwa tal-idea li fuq il-maqrut fil-bidu tat-triq inti u dieħel fir-raħal teħel il-bandiera ta' Ħal Lija u fir-*roundabout* tat-Torri, fil-ġnub jeħlu ż-żewġ bnadar l-oħra.

4.10.1.2 Is-Sur Zahra qal li misshom it-tlett arbli jitweħlu fid-dawra tar-*roundabout* il-kbira fejn Gallarija Darmanin. Is-sindku qallu li dik ir-*roundabout* mhux tal-kunsill għax tagħmel parti mit-triq arterjali.

4.10.2.1 Il-Viċi Sindku, Daniel Mallia għamel suġġeriment biex jinbidlu l-Merbħa *signs* u jsiru aktar moderni,

speċifikament għar-raħal ta' Ħal Lija bi stil uniku. Is-Sindku qal li dan ma tantx huwa possibli għaliex il-kunsilli għandhom kuntratt mal-HSBC fuq l-Merbħa *signs*.

4.10.2.2 Fuq din in-nota s-sinjorina Lorraine Farrugia qalet li tagħmel anke sens li kieku ma' dawn il-merħba *signs* jew x'imkien inti u dieħel fir-raħal jitpoġġew xi *stands* li fuqhom ikollom *electronic informtion* fuq l-istorja tar-raħal ta' Ħal Lija. Hija qalet li x'aktarx il-Faces jiprovduhom dawn it-tip ta' *stands* u s-Sindku ħa nota ta' dawn.

4.10.3 Is-Sindku qal li ser jitkompla jinbidel id-dawl fil-pjazza u Vjal it-Trasfigurazzjoni. Huwa qal li diġa nbidlu l-bozoz tal-fanali tal-pjazza fejn il-latrini u l-ispiżjara u issa jmiss li jinbidlu l-bozoz mill-pjazza sa fejn it-torri. B'kollox qisu hemm bżonn bidla ta' xi għoxrin lampa oħra. Il-Kunsill approva li jsir dan.

4.10.4.1 Għall-pjazza s-sindku qal li l-kunsill irid jaħseb għal sitt bins sura ta' nies biex ikun hemm fejn jintrema l-iskart u mhux jintrema ma' l-art. Il-Kunsill kollu qabel rigward dan.

4.10.4.2 Fuq din in-nota is-Sur Mallia ġibed l-attenzjoni biex il-*bins* fir-raħal jitbatlu aktar frekwenti għax ta' spiss qed ikunu mimlijin u s-sinjorina Farrugia kkonfermat dan. Ukoll qal li kellu suġġeriment biex lejn in-naħa ta' Ħalmann isir *bin* tal-klieb għaliex ħafna nies jimxu bil-klieb l'hemm fuq u m'hemmx *bin* wieħed tal-klieb. Il-Kunsill approva li jsir dan il-bin. Barra minn hekk il-kunsill għandu jagħmel kuntatt mal-kuntrattur tal-knis biex joqgħod attent li l-*bins* fir-raħal jitbatlu kollha b'mod regolari.

4.10.5.1 Il-Viċi Sindku, is-Sur Daniel Mallia, għamel kumment fejn qal li fi Vjal it-Trasfigurazzjoni hemm xi konok vojta u fihom m'għandhom xejn. Is-Sindku qal li f'dawn il-konok il-vojta hu tal-idea li jibdew jinżeraw is-siġar tal-larinġ. Is-Sur Dalli żied jgħid li jekk tidjieq il-bankina, l-konka tista anke tidħol daqsxejn il-ġewwa.

4.10.5.2 Is-Sur Mallia qal li anke hemm konka vojta mkisra mal-kurduna tal-bankina fi Vjal it-Trasfigurazzjoni kantuniera ma' Triq Robert Mifsud Bonniċi. Is-Sindku qal li ġo dik il-konka qas hemm għalfejn tinżera siġra u tista titniżżel mal-lista tax-xogħljiet biex tiġi rranġatha. Il-Kunsill qabel fuq dan.

4.10.6.1 Is-Sindku qal li t-*timer* tal-pjazza aktarx mhux jaħdem sewwa u rridu naraw jekk hemmx bżonn li jinbidel. Dan għaliex mhux jixgħel fil-ħin li suppost. Is-Sur Zahra qal li m'hemmx għalfejn jinbidel kollu imma jekk il-problema hija biss li mhux jixgħel fil-ħin allura kemm jiġi rranġat l-ħin tat-*timer*.

4.10.6.2 Is-Sindku qal li l-kuntrattur tad-dawl għandu jiġi jiċċekja dan it-timer u jara x'għandu. Jekk għandu il-ħin mhux issettjat sew jirranġah u jekk hemm bżonn jibdlu kompletament jagħmel dan malajr kemm jista jkun. Is-Segretarju Eżekuttiv għandha tinforma lil kuntrattur b'dan għax bħalissa d-dawl qed jixgħel fil-ħamsa.

4.10.7.1 Is-Sindku qal li hemm problema kbira bi *culvert* fi Triq Dun Ġużepp Tanti kantuniera ma' Triq Salvu Mifsud li hemm bżonn jiġi rranġat. Is-Sindku qal li ukoll tkellem mas-sid tal-għalqa u għandu jgħinu biex isolvi din il-problema.

4.10.7.2 Is-Sid ser jibda billi jneħħi l-ħaxix kollu li hemm fil-*culvert*, umbgħad ser jara kif inaddaf b'xi mod il-bokka tal-*culvert*.

4.10.8.1 Is-Sindku tkellem ukoll fuq culvert ieħor fi Triq il-Mitħna, il-fuq mill-kappella tal-ħaxix li jrid issir ġdid. Dan għaliex it-triq mhux livellata sew u hemm residenta li qed jidħolha l-ilma peress li t-triq ixxaqleb lejha. Diġa hemm *culvert* ieħor tul din it-triq u jista jitqabbad miegħu.

4.10.8.2 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia qalet li hemm trid titbaxxa t-triq u jsir *scarifying.* Is-sindku qal li l-kunsill m'għandux finanzi biex jirranġa t-toroq u jekk filkas il-kunsill jikteb imejl lil *Infrastructure Malta* biex Triq il-Mitħna tiżdied kollha kemm hi mal-lista tat-toroq li ser isiru mill-ġdid fi Ħal Lija. Il-Kunsill kollu qabel unanimament.

4.10.9 Is-Sindku ta update fuq is-sistema tat-telefown fejn qal li din bilmod qed tiġi *updated* u l-linji ser jinqlebu ma' Go. Irid ukoll jiġi t-*technician* tal-PABX system tal-kunsill biex iż-żewġ linji li għandu l-kunsill jiġu sseparati. Din hija xi ħaġa li s-Segretarju Eżekuttiv qed taħdem fuqha.

4.10.10 Is-Sur Dalli flimkien mas-Sur Mallia, qed jaħdmu biex jiltaqgħu mal-Meusac u l-EUPA. Is-Sur Mallia ser ikun qed jagħmel *meeting* mal-Meusac biex iġib fondi biex isir Erasmus u s-Sur Dalli ser jiltaqgħa ma' rappreżentant tal-EUPA biex jitkellem fuq fondi rigward *Town Twinning*.

4.10.11 Wara dan is-Sindku fakkar lil kunsill li għada, 23 ta' Awwissu, ser issir il-laqgħa mas-Sur Cohen fl-uffiċini ta' Transport Malta fi Triq Pantar biex tiġi diskussa l-problema tat-traffiku fi Triq Annibale Preca. Din ser issir fi

12:30pm.

4.10.12.1 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda l-lista tat-titjieb tal-uffiċini u tal-lokalita li kienet tressqet fi seduta nru 02 tal-Kunsill. Hija tat update lil kunsilliera billi qaltilhom x'affarijiet saru s'issa minn fuq din il-lista.

4.10.12.2 Fuq it-titjieb tal-uffiċini hija semmiet li; tweħħel *AC* isfel fil-kunsill, inkriet *photocopier* A3, inxtrat magna tal-kafe, ser jinxtraw siġġijiet adekwatai għall-*istaff* kif approvat f'din is-seduta, ġew irranġati s-siġġijiet tal-bord *room*, inbidlet il-bandiera li kienet imweħla mal-faċċata tal-kunsill, ġew ordnati l-*business cards*, daqt ikun lest l-inventarju u anke qegħdin fil-proċess li tinbidel is-sistema tal-linja tat-telefown.

4.10.12.3 Rigward it-titjieb fil-lokalita hija semmiet li; ġew iċċarati diversi sinjali tat-traffiku fir-raħal, inxtgħel it-Torri u kif ukoll il-lampi ornamentali li kien hemm fuq iz-zuntier, qed isir tindif estensiv fir-raħal, sar ħafna qtugħ tal-ħaxix li jitla mill-bankini madwar ir-raħal u qed jinbidlu l-bozoz tal-fanali fil-pjazza u Vjal it-Trasfigurazzjoni bilmod. Il-Kunsill qed ikompli jafas fuq il-kuntrattur tal-ġonna ħalli tingħata spinta fit-tisqija u tisbieħ tal-ġonna. Ukoll il-kunsill rrid jaħdem biex barra minn hekk fil-ġonna jinbidlu l-bankijiet u l-*bins*. Il-kunsill anke jrid jaqdef biex kompletament jinbidel l-andament tal-latrini.

4.10.13 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia staqsiet jekk kienx hemm risposta rigward kif baqaw tal-futbol fuq il-*ground/pitch*. Is-sindku qal li huwa ser iġib il-kuntratt u kif iġib il-kuntratt jiltaqgħa ma' tal-futbol.

## 4.11 Vakanza ta' Skrivan mal-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija

4.11.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil kunsill li hija kelmet lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn ikkanċellat il-vakanza ta' uffiċjal eżekuttiv fuq bażi *full-time* bi skala 13 u talbet permess biex il-kunsill minnflokk joħroġ vakanza għal skrivan fuq bażi part-time bi skala 15.

4.11.2 Hija kompliet tgħid li d-dipartiment approva din it-talba diment li jekk kien hemm xi applikanti li applikaw għal vakanza ta' uffiċjal eżekuttiv, dawn iridu jiġu nfurmati bid-deċiżjoni tal-kunsill. Infatti s-Segretarju Eżekuttiv qalet li hija bgħatet imejl bil-miktub lil l-unika persuna li kienet applikat għal din il-pożizjoni u din il-persuna ma sabitx oġġezjoni rigward id-deċiżjoni tal-kunsill.

4.11.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ma jistgħux jinqabżu proċeduri fil-proċess ta' sejħa u minkejja li mill-kunsill ta' Ħal Lija ma hemm ħadd eliġibbli li jista japplika għal pożizjoni ta' skrivan part time skala 15, is-sejħa xorta trid l-ewwel toħroġ interna.

4.11.4 Għalhekk bħalissa s-sejħa għal din il-pożizjoni ħarġet interna fil-kunsill ta' Ħal Lija u tiskadi fi żmien għaxar tijiem, fi 30 ta' Awwissu, 2019. Kif jiskadu dawn l-għaxar tijiem, is-sejħa toħrog fil-kunsilli lokali u kumitati reġjonali kollha.

## 4.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

4.12.1 Qabel intemmet il-laqgħa s-sinjorina Lorraine Farrugia għamlet suġġeriment biex forsi jiġu ordnati xi żewġ *cigarette / gum bins* għaliex in-nies tgħidx kemm faħħruhom. Il-Kunsill għandu jiċċekja mar-Reġjun Ċentru jekk jistax joffrilna xi tnejn oħra.

4.12.2.1 Is-Sindku qal li kellu okkażjoni li jkun il-*Malta Public Transport* u tkellem fuq inizjattiva li tista ssir biex jgħin lir-residenti ta' Ħal Lija jinqdew aħjar bis-servizz tat-trasport li joħodhom għall-isptar. Residenti ma jistax ikun li joqgħodu jinżlu Triq il-Mosta biex jaqbdu tal-linja nru 106 għall-isptar, dawn qed ibatu ħafna speċjalment l-anzjani.

4.12.2.2 Is-Sindku qed jiprova jiġi fi ftehiem mal-*Malta Public Transport* billi jirriservalhom spazju biżejjed fil-pjazza quddiem iz-zuntier biex tal-linja nru 106 titla tiġbor ir-residenti minn hemm fuq filgħodu kmieni.

4.12.2.3 Rigward dan is-Sinjorina Lorraine Farrugia għamlet suġġeriment billi qalet li l-kunsill missu japplika għas-servizz tat-tuktuk fir-raħal, iżda qbil unanimu fuq dan is-suġġeriment ma kienx hemm.

4.12.3 Il-laqgħa ntemmet fis-6:50pm.

4.12.4 Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar il-Ħamis, 19 ta' Settembru 2019 fil-5.00pm.

Konfermati, illum il-Ħamis 19 ta' Settembru, 2019.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Anthony Dalli<br>Sindku | Pamela Borg<br>Segretarju Eżekuttiv |